

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

ANNESS I

SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

Valtropin 5 mg/1.5 ml trab u solvent għal soluzzjoni għall-injezzjoni

2. GĦAMLA KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Kunnett wieħed tat-trab fih 5 mg somatropin (li jikkorrispondi għal 15 IU).

Wara rikostituzzjoni b'1.5 ml solvent, 1 ml ikun fih:

somatropin* 3.33 mg (li jikkorrispondu għal 10 IU)

* *magħmul f'ċelloli Saccharomyces cerevisiae permezz ta' teknoloġija tad-DNA rikombinanti.*

Għal-lista kompleta ta' sustanzi mhux attivi, ara sezzjoni 6.1.

3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Trab u solvent għal soluzzjoni għall-injezzjoni.

Trab abjad jew kważi abjad. Is-solvent huwa soluzzjoni ċara.

Wara li jiġi rikostitwit bis-solvent ipprovdut Valtropin ikollu pH ta' madwar 7.5 u osmolalità ta' madwar 320 mOsm/kg.

4. TAGĦRIF KLINIKU

4.1 Indikazzjonijiet terapewtiċi

Popolazzjoni pedjatrika

- Kura fuq perijodu fit-tul ta' tfal (minn sentejn sa 11-il sena) u adolexxenti (minn 12 sa 18-il sena) b'nuqqas ta' tkabbir minn rata ta' tnixxija inadegwata ta' l-ormon endoġenu normali tat-tkabbir.
- Kura ta' l-istatura qasira fit-tfal bis-sindrome ta' Turner, ikkonfermata b'analiżi tal-kromosomi.
- Kura ta' dewmien fit-tkabbir fi tfal ta' qabel il-pubertà li jkollhom insuffiċjenza renali kronika.

Pazjenti adulti

- Terapija ta' sostituzzjoni f'persuni adulti b'defiċjenza evidenti ta' l-ormon tat-tkabbir li bdiet fit-tfulija jew f'età adulta.

Pazjenti b'defiċjenza severa ta' l-ormon tat-tkabbir f'età adulta huma definiti bħala pazjenti b'patoloġija ipotalamika-pitwitarja magħrufa u mill-anqas b'defiċjenza oħra magħrufa ta' ormon pitwitarju li ma jkunx prolactin. Dawn il-pazjenti jridu jagħmlu test dinamiku wieħed sabiex tiġi ddijanostikata jew eskluża defiċjenza ta' l-ormon tat-tkabbir. F'pazjenti b'defiċjenza iżolata ta' l-ormon tat-tkabbir li bdiet fit-tfulija (ebda evidenza ta' mard ipotalamiku-pitwitarju jew ta' radjazzjoni fil-kranju), għandhom jiġu rakkomandati żewġ testijiet dinamiċi, ħlief għal dawk li jkollhom konċentrazzjonijiet baxxi tal-fattur-1 tat-tkabbir (IGF-1) li jixbah lill-insulina (< 2 punteġġ ta' devjazzjoni standard (SDS)), li jistgħu jiġu kkunsidrati għal test wieħed. Il-punt ta' qtugħ il-linja tat-test dinamiku għandu jkun strett.

4.2 Pożoloġija u metodu ta' kif għandu jingħata

It-terapija b'Valtropin għandha tinbda u tiġi mmonitorjata minn tobbja li jkollhom esperjenza adegwata fid-dijanjosi u l-immaniġġar ta' pazjenti b'defiċjenza ta' l-ormon tat-tkabbir.

Pożoloġija

L-iskeda tad-dożaġġ u ta' kif jingħata għandhom jiġu individwalizzati għal kull pazjent.

Dożaġġ fil-popolazzjoni pedjatrika

Defiċjenza ta' l-ormon tat-tkabbir fit-tfal

Id-dożaġġ rakkomandat huwa 0.025 - 0.035 mg/kg ta' piż tal-ġisem kuljum.

Tfal bis-sindrome ta' Turner

Id-dożaġġ rakkomandat huwa 0.045 - 0.050 mg/kg ta' piż tal-ġisem kuljum, mogħti bħala injezzjoni taħt ġilda.

Tfal ta' qabel il-pubertà b'insuffiċjenza renali kronika

Id-dożaġġ rakkomandat huwa 0.045 - 0.050 mg/kg ta' piż tal-ġisem kuljum, mogħti bħala injezzjoni taħt ġilda.

Dożaġġ f'pazjenti adulti

Defiċjenza ta' l-ormon tat-tkabbir fl-adulti

Id-doża inizzjali rakkomandata hija 0.15 - 0.30 mg/kuljum, mogħtija bħala injezzjoni taħt ġilda. Tista' tkun meħtieġa doża inizzjali aktar baxxa f'pazjenti akbar fl-età u obeżi.

Din id-doża għandha tiżdied b'mod gradwali skond il-ħtiġijiet individwali tal-pazjent fuq il-bażi tar-reazzjoni klinika u l-konċentrazzjonijiet ta' IGF-1 fis-serum. Id-doża totali ta' kuljum ġeneralment ma taqbiżx 1 mg. Il-konċentrazzjonijiet ta' IGF-1 għandhom jinżammu taħt il-limitu ta' fuq tal-medda normali speċifika għall-età.

Għandha tintuża d-doża minima effettiva.

Id-dożaġġ ta' somatropin għandu jittnaqqas f'każijiet ta' edima persistenti jew parasteżija severa, sabiex jiġi evitat l-iżvilupp tas-sindrome tal-carpal tunnel.

L-esperjenza ta' kura fit-tul (aktar minn 5 snin) b'somatropin f'persuni adulti hi limitata.

Popolazzjonijiet speċjali

Anzjani

L-esperjenza tal-kura b'somatropin f'pazjenti li għandhom iktar minn 60 sena hi limitata. Doża tal-bidu iktar baxxa tista' tkun meħtieġa f'pazjenti aktar anzjani. Il-ħtiġijiet tad-doża jistgħu jonqsu mal-avvanzar tal-età.

Indeboliment tal-kliewi

Dejta disponibbli dwar insuffiċjenza tal-kliewi hi deskritta f'sezzjoni 4.4, iżda ma tista' ssir l-ebda rakkomandazzjoni dwar il-pożoloġija.

Indeboliment tal-fwied

F'pazjenti b'disfunzjoni severa tal-fwied, ġie osservat tnaqqis fit-tneħħija ta' somatropin. Ir-rilevanza klinika ta' dan it-tnaqqis mhux magħruf.

Metodu ta' kif għandu jingħata

Valtropin jingħata b'injezzjoni taħt ġilda.

Il-postijiet ta' l-injezzjoni għandhom jitbiddlu sabiex tiġi evitata lipoatrofija.

Għal aktar informazzjoni dwar ir-rikostituzzjoni u kif jingħata ara sezzjoni 6.6.

4.3 Kontra-indikazzjonijiet

- Sensittività eċċessiva għas-sustanza attiva jew għal xi sustanzi mhux attivi (eż. metacresol) (ara sezzjoni 4.4).
- Somatropin ma jridx jintuża meta jkun hemm kwalunkwe evidenza ta' attività ta' tumur. Tumuri intrakranjali jridu jkunu inattivi u t-terapija ta' kontra t-tumuri għandha titlesta qabel ma tibda t-terapija b'GH. Il-kura għandha titwaqqaf jekk ikun hemm evidenza ta' tkabbir tat-tumur.
- Valtropin m'għandux jintuża biex jippromwovi t-tkabbir fi tfal b'*epiphyses* magħluqa.
- Pazjenti b'mard kritiku akut minħabba kumplikazzjonijiet wara kirurġija miftuħa tal-qalb jew addominali, trawmi aċċidentali multipli, jew pazjenti li jkollhom difett respiratorju akut.

4.4 Twissijiet speċjali u prekawzjonijiet għall-użu

Id-doża massima rakkomandata ta' kuljum m'għandhiex tinqabeż (ara sezzjoni 4.2).

Pitwitarja

M'hemmx evidenza biex wieħed jissuspetta li s-sostituzzjoni ta' l-ormon tat-tkabbir tinfluwenza r-rata ta' rikorrenza jew l-iżvilupp mill-ġdid ta' neoplażmi ġol-kranju. Iżda Prattika klinika standard titlob immaġni pitwitarja regolari f'pazjenti bi storja ta' patoloġija pitwitarja. Huwa rakkomandat skan tal-linja bażi f'dawn il-pazjenti qabel ma tinbeda terapija ta' sostituzzjoni ta' l-ormon tat-tkabbir.

Kontroll tat-tumuri

Jekk il-pazjent kellu tumur tal-moħħ, il-pazjent għandu jiġi eżaminat mill-ġdid b'mod frekwenti biex jiġi aċċertat li t-tumur ma reġax tfaċċa.

F'persuni li baqgħu ħajjin wara li kellhom kanċer fi żmien it-tfulija, ġie rrapportat riskju ogħla tat-tieni neoplażmu (beninn jew malin) f'pazjenti kkurati b'somatropin. Tumuri intrakranjali, b'mod partikulari, kienu l-iktar komuni minn dawn it-tieni neoplażmi.

Pressjoni tad-demem għolja intrakranjali

F'każijiet ta' uġiġħ ta' ras qawwi jew rikorrenti, problemi viżwali, nawsja, u/jew rimettar, hija rakkomandata fundoskopija għal papilloedima. Jekk tkun ikkonfermata papilloedima, għandha tiġi kkunsidrata dijanjożi ta' pressjoni għolja beninnja ġol-kranju u, jekk ikun xieraq, il-kura bl-ormon tat-tkabbir għandha titwaqqaf. Attwalment, m'hemmx evidenza biżżejjed biex tiggwida t-teħid ta' deċiżjonijiet kliniċi f'pazjenti bi pressjoni għolja ġol-kranju riżolta. Jekk terġa' tinbeda l-kura bl-ormon tat-tkabbir, ikun meħtieġ monitoraġġ attent għal sintomi ta' pressjoni għolja ġol-kranju.

Sensittività għall-insulina

Billi l-ormon tat-tkabbir uman jista' jikkawża stat ta' reżistenza għall-insulina, pazjenti kkurati b'somatropin għandhom jiġu mmonitorjati għal evidenza ta' intolleranza għall-glukose

Funzjoni tat-tirojde

L-ormon tat-tkabbir iżid il-bidla ekstratirojdali ta' T4 għal T3 u jista', b'hekk, jikkawża bidu ta' ipotirojdiżmu. Għalhekk għandu jsir monitoraġġ tal-funzjoni tat-tirojde fil-pazjenti kollha. F'pazjenti li jkollhom ipopitwitariżmu, it-terapija standard ta' sostituzzjoni trid tiġi mmonitorjata mill-qrib meta tingħata terapija b'somatropin.

Epiphyses kapitali mqabbża

Pazjenti b'mard endokrinali, fosthom defiċjenza ta' l-ormon tat-tkabbir, jistgħu jiżviluppaw *epiphyses* kapitali mqabbża aktar ta' spiss. Kwalunkwe tifel/tifla li jkollhom bidu ta' mixi mzappap waqt terapija bl-ormon tat-tkabbir għandhom jiġu evalwati.

Defiċjenza tal-ormon tat-tkabbir wara għeluq tal-epiphyseal

Individwi li jkunu ġew ikkurati bl-ormon tat-tkabbir fit-tfulija, sakemm inkiseb it-tul finali, għandhom jiġu evalwati mill-ġdid għal defiċjenza ta' l-ormon tat-tkabbir wara għeluq *epiphyseal* qabel ma tinbeda t-terapija ta' sostituzzjoni bid-dożi rakkomandati għall-adulti.

Il-kura wara t-tmiem tat-tkabbir fit-tfal

Fil-każ tat-tfal, il-kura għandha titkompla sakemm jintlaħaq it-tmiem tat-tkabbir. Huwa rakkomandabbli li ma jinqabiżx id-dożaġġ rakkomandat minħabba r-riskji potenzjali ta' akromegalija, ipergliċemija, u glukosurja.

Sindrome ta' Prader-Willi

Valtropin mhuwiex indikat għall-kura ta' pazjenti b'insuffiċjenza tat-tkabbir minħabba s-sindrome ta' Prader-Willi ħlief jekk ikollhom ukoll dijanjosi ta' defiċjenza ta' l-ormon tat-tkabbir. Kien hemm rapporti ta' apnea waqt l-irqad u mewt għal għarrieda wara l-bidu tat-terapija bl-ormon tat-tkabbir f'pazjenti bis-sindrome ta' Prader-Willi, li kellhom wieħed jew iktar mill-fatturi ta' riskju li ġejjin: obesita' severa, storja medika ta' ostruzzjoni fin-naħa ta' fuq tal-pajp tan-nifs jew apnea waqt l-irqad, jew infezzjoni respiratorja mhux identifikata.

Insuffiċjenza tal-kliewi

Qabel ma tinbeda kura b'somatropin għal dewmien fit-tkabbir, tikkonsegwenza ta' insuffiċjenza renali kronika, it-tfal iridu jkunu ġew segwiti għal sena sabiex jiġi midentifikat id-disturb tat-tkabbir. Għandha tkun ġiet stabbilita kura konservattiva għal insuffiċjenza renali (li tinkludi kontroll ta' l-aċidożi, iperparatiroidiżmu, u status nutrittiv għal sena qabel il-kura) u għandha tinżamm waqt il-kura. Il-kura b'somatropin m'għandhiex tissokta fiż-żmien tat-trapiant renali.

Sess u dożaġġ

Sabiex tintlaħaq il-mira definita tal-kura, l-individwi jistgħu jeħtieġu dożi aktar baxxi ta' l-ormon tat-tkabbir min-nisa. L-għoti orali ta' estroġeni jżid id-doża meħtieġa fin-nisa. Maż-żmien tista' tkun osservata sensittività akbar għall-ormon tat-tkabbir (espressa bħala bidla fil-IGF-1 għal kull doża ta' ormon tat-tkabbir), b'mod partikolari, il-irġiel. L-eżattezza tad-doża ta' l-ormon tat-tkabbir għalhekk għandha tiġi kkontrollata kull 6 xhur.

Sindrome ta' Turner

Pazjenti bis-sindrome ta' Turner għandhom jiġu evalwati bir-reqqa għal otite tal-parti tan-nofs tal-widna u disturbi oħra mard fil-widnejn billi dawn il-pazjenti għandhom riskju akbar ta' mard tal-widnejn jew tas-smigħ.

Pankreatite fit-tfal

Tfal ikkurati b'somatropin għandhom żieda fir-riskju li jiżviluppaw pankreatite meta mqabbla ma' pazjenti adulti kkurati b'somatropin. Għalkemm rari, il-pankreatite għandha tiġi kkunsidrata fi tfal ikkurati b'somatropin li jiżviluppaw uġigħ addominali.

Injezzjoni aċċidentali ġol-muskoli

Wara injezzjoni aċċidentali fil-muskoli, tista' titfaċċa ipergliċemija. Kwalunkwe reazzjoni mhux mixtieqa għandha tiġi segwita. L-ebda kura speċjali mhi rakkommandata.

Sensittività għal metacresol

Valtropin m'għandux jiġi rikostitwit bis-solvent fornut għal pazjenti li hu magħruf li għandhom sensittività għal metacresol. Jekk isseħħ sensittività għas-solvent li jakkompanjah, il-kunjetti

għandhom jiġu rikostitwiti b' ilma għall-injezzjonijiet u jintuża bħala kunjett li jintuża darba biss (ara sezzjoni 6.3).

4.5 Prodotti mediċinali oħra li ma jaqblux ma' dan il-prodott u affarijiet oħra li jistgħu jibdlu l-effett farmaċewtiku tal-prodott

Terapija bi glukokortikoidi eċċessiva timpedixxi l-effett ta' promozzjoni ta' l-iżvilupp ta' l-ormon tat-tkabbir uman. Il-pazjenti li jbatu ukoll b' defiċjenza ta' l-ormon andrenokortikotropiku (ACTH) irid ikollhom id-doża ta' sostituzzjoni ta' glukokortikoidi tagħhom aġġustata bir-reqqa sabiex jiġi evitat effett inibitorju fuq it-tkabbir.

Fil-każ ta' nisa li jieħdu estroġeni orali, tista' tkun meħtieġa doża aktar għolja ta' somatropin biex tinkiseb il-mira tal-kura.

Il-pazjenti li jieħdu l-insulina għad-dijabete mellitus għandhom jiġu mmonitorjati bir-reqqa waqt kura b' somatropin. Jista' jkun meħtieġ aġġustament tad-doża ta' l-insulina.

Tagħrif minn studju ta' l-interazzjoni mwettaq f' persuni adulti b' defiċjenza ta' l-ormon tat-tkabbir, jissuġġerixxi li l-għoti ta' somatropin jista' jżid it-tneħħija ta' komposti magħrufa li jiġu metabolizzati minn isoenzimi taċ-ċitokromu P450. It-tneħħija ta' komposti metabolizzati taċ-ċitokromu P450 3A4 (pereżempju steroidi tas-sess, kortikosteroidi, antikonvulsivi u cyclosporine) tista' tiżdied b' mod partikolari li jwassal għal livelli aktar baxxi ta' dawn il-komposti fil-plażma. L-importanza klinika ta' dan mhix magħrufa.

4.6 Fertilità, tqala u treddigħ

Tqala

Għal Valtropin m'hemmx tagħrif kliniku dwar l-użu waqt it-tqala. Studji fuq bhejjem m'humix biżżejjed rigward l-effetti fuq it-tqala, fuq l-iżvilupp ta' l-embriju/fetu, fuq il-ħlas, jew fuq l-iżvilupp wara t-twelid (ara sezzjoni 5.3). Għalhekk Valtropin m'għandux jintuża waqt it-tqala ħlief meta hemm bżonn speċifiku.

Treddigħ

Ma sarux studji kliniċi b' Valtropin f' nisa li jreddgħu. Mhux magħruf jekk somatropin joħroġx fil-ħalib uman. Għalhekk, wieħed għandu joqgħod attent meta jagħti Valtropin lil nisa tqal.

Fertilità

L-ebda dejta mhi disponibbli dwar il-fertilità. Dejta dwar l-annimali ma wriet l-ebda effett fuq il-parametri tal-fertilità.

4.7 Effetti fuq il-ħila biex issuq u tħaddem magni

Valtropin m'għandu l-ebda effett jew effett żgħir jew moderat fuq il-ħila ta' sewqan u l-użu ta' magni.

4.8 Effetti mhux mixtieqa

Sommarju tal-profil tas-sigurtà

L-iktar reazzjonijiet avversi komuni frekwenti huma assoċjati mas-sit tal-injezzjoni, huma ta' natura endokrinali, u wġigħ ta' ras, parestesija u wġigħ u disturbi fil-ġogi (artralġja) f' persuni adulti.

Waqt studji kliniċi 128 tifel/tifla (98 tifel/tifla b' defiċjenza ta' l-ormon tat-tkabbir u 30 bis-sindrome ta' Turner) kienu esposti għal Valtropin. Il-profil tas-sigurtà ta' Valtropin osservat f' dawn l-istudji kliniċi kien konsistenti ma' dak irrapportat bil-prodott mediċinali ta' referenza użat f' dawn l-istudji kliniċi u prodotti mediċinali oħra li fihom somatropin.

Ir-reazzjonijiet avversi li ġejjin u l-frekwenzi tagħhom kienu osservati b'kura b'somatropin fuq il-bażi ta' informazzjoni ppubblikata:

Komuni ħafna ($\geq 1/10$), komuni ($\geq 1/100$ sa $< 1/10$), mhux komuni ($\geq 1/1,000$ sa $< 1/100$), rari $\geq 1/10,000$ sa $< 1/1,000$), rari ħafna ($< 1/10,000$), mhux magħrufa (ma tistax tittieħed stima mid-data disponibbli), inkluż rapporti iżolati

Sommarju tabulat ta' reazzjonijiet avversi

Neoplażmi beninni, malinni u dawk mhux speċifikati (inklużi ċesti u polipi)	Mhux komuni: Neoplażmu malinn, neoplażmu
Disturbi tad-demem u tas-sistema limfatika	Mhux komuni: Anemija
Disturbi fis-sistema immuni	Komuni: Bini ta' antikorpi
	Mhux magħrufa: Każ wieħed ta' sensitività eċċessiva akuta li tinvolvi urtikarja u ħakk
Disturbi fis-sistema endokrinarja	Komuni: Ipotiroidiżmu
Disturbi fil-metaboliżmu u n-nutrizzjoni	Komuni: Indeboliment fit-tolleranza għal glucose
	Komuni: Ipergliċemija ħafna ($< 1\%$ fit-tfal; $1\% - 10\%$ f'persuni adulti)
	Mhux komuni: Ipogliċemija, iperfosfatemija
	Rari: Dijabete melitus
	Mhux magħrufa: Reżistenza għall-insulina
Disturbi psikjatriċi	Mhux komuni: Disturbi fil-personalità
Disturbi fis-sistema nervuża	Komuni ħafna: Uġiġħ ta' ras f'persuni adulti
	Komuni ħafna: Parestesija f'persuni adulti
	Komuni: Iper-tonija
	Komuni: Nuqqas ta' rqaq f'persuni adulti
	Komuni: Sindrome tal-carpal tunnel f'persuni adulti
	Mhux komuni: Sindrome tal-carpal tunnel fit-tfal
	Mhux komuni: Nystagmus
	Rari: Newropatija, żieda fil-pressjoni intrakranjali
	Rari: Pressjoni tad-demem għolja intrakranjali beninna
	Rari: Parestesija fit-tfal
	Rari ħafna: Nuqqas ta' rqaq fit-tfal
Disturbi fil-għajnejn	Mhux komuni: Papilloedema, diplopja
Disturbi fil-widnejn u fis-sistema labirintika	Mhux komuni: Sturdament
Disturbi fil-qalb	Komuni: Pressjoni għolja f'persuni adulti
	Mhux komuni: Takikardija
	Rari: Pressjoni għolja fit-tfal
Disturbi respiratorji, toraċiċi u medjastinali	Komuni: Qtuġh ta' nifs f'persuni adulti
	Komuni: Apnea tal-irqad f'persuni adulti
Disturbi gastro-intestinali	Mhux komuni: Rimettar, uġiġħ addominali, gass, nawseja
	Rari: Dijarea
	Mhux komuni: Lipodistrofija, atrofija tal-ġilda, dermatite bil-qxur, urtikarja, xagħar li jikber b'mod eċċessiv u f'postijiet mhux tas-soltu, ipertrofija tal-ġilda
Disturbi fil-ġilda u fit-tessuti ta' taħt il-ġilda	
Disturbi muskolu-skelettriċi u tat-tessuti	Komuni ħafna: Artralġja f'persuni adulti

konnnettivi	
	Komuni: Artralġja fit-tfal
	Komuni: Mijaġġja
	Mhux komuni: Atrofija fil-muskoli, uġiġħ fl-għadam
Disturbi fil-kliewi u fis-sistema urinarka	Mhux komuni: Inkontinenza fl-awrina, ematurja, tagħmel ammont eċċessiv ta' awrina, frekwenza fl-awrina/pollakijurija, anormalità fl-awrina
Disturbi fis-sistema riproduttiva u fis-sider	Mhux komuni: Tnixxija mill-partijiet ġenitali
	Mhux komuni: Ġinekomastija f'persuni adulti
	Rari ħafna: Ġinekomastija fit-tfal
Disturbi ġenerali u kondizzjonijiet ta' mnejn jingħata	Komuni ħafna: Edema, edema periferali f'persuni adulti
	Komuni: Edema, edema periferali fit-tfal
	Komuni: Reazzjonijiet fis-sit tal-injezzjoni, astenja
	Mhux komuni: Atrofija fis-sit tal-injezzjoni, emorraġija fis-sit tal-injezzjoni, massa fis-sit tal-injezzjoni, ipertrofija, dgħufija fit-tfal
Investigazzjonijiet	Rari: Test tal-funzjoni tal-kliewi b'riżultat mhux normali

Deskrizzjoni ta' reazzjonijiet avversi magħżula

Fi studju kliniku b'Valtropin, 3% tat-tfal b'defiċjenza ta' l-ormon tat-tkabbir żviluppaw antikorpi għal somatropin. Il-kapaċità ta' rbit ta' dawn l-antikorpi kienet baxxa u ma kienx hemm effett fuq ir-rata tat-tkabbir. Għandu jsir ittestjar għall-antikorpi għal somatropin f'kull pazjent li jonqos milli jirrispondi għat-terapija.

L-anti-host cell protein (anti-*S. cerevisiae*) antibodies ma kinux komuni f'pazjenti kkurati b'Valtropin. Il-produzzjoni ta' antikorpi bħal dawn b'kapaċità ta' rbit baxxa mhix probabbli li tkun klinikament rilevanti. B'kuntrast mal-batterji (*E. coli*), il-ħmira ma ġietx deskritta li tislet effetti oħra li jimmodifikaw ir-reazzjoni immunoloġika.

Popolazzjoni pedjatrika

Kienet osservata edima ħafna u temporanja kmieni matul il-kors tal-kura b'somatropin.

Pazjenti adulti

F'pazjenti adulti b'defiċjenza ta' l-ormon tat-tkabbir li bdiet f'età adulta, edima, uġiġħ fil-muskoli, uġiġħ u mard tal-ġogi kienu rrapportati kmieni fit-terapija u kellhom tendenza li jkunu temporanji.

4.9 Doża eċċessiva

Doża eċċessiva akuta tista' għall-ewwel twassal għal ipogliċemija u wara għal ipergliċemija. Doża eċċessiva fuq perijodu fit-tul tista' tirriżulta f'sinjali u sintomi ta' akromegalija konsistenti ma' l-effetti magħrufa ta' eċċess ta' ormoni tat-tkabbir uman. Il-kura hi sintomatika u ta' appoġġ. M'hemm l-ebda antidot għal doża eċċessiva ta' somatropin. Hu rakkomandat li jsir monitoraġġ tal-funzjoni tat-tirojda wara doża eċċessiva.

5. TAGĦRIF FARMAKOLOĠIKU

5.1 Tagħrif farmakodinamiku

Kategorija farmakoterapewtika: Ormoni u analogi pitwitarji u ipotalamiċi, somatropin u agonisti ta' somatropin; Kodiċi ATC: H01AC01

Somatropin huwa ormon polipeptide ta' orġini ta' DNA rikombinanti. Huwa għandu 191 residwu ta' aċidu amminiku u piż molekulari ta' 22,125 daltons. Is-sekwenza ta' l-aċidu amminiku tal-prodott mediċinali hija identika għal dik ta' l-ormon tat-tkabbir uman ta' orġini pitwitarja. Valtropin huwa sintetizzat f'ċelloli tal-ħmira (*Saccharomyces cerevisiae*).

L-effetti bijoloġiċi ta' somatropin huma ekwivalenti għal dawk ta' l-ormon tat-tkabbir uman ta' orġini pitwitarja.

L-aktar effett prominenti ta' somatropin huwa li jstimula l-folji tat-tkabbir ta' l-għadam twil. Barra minn hekk, huwa jippromwovi s-sintesi ċellulari tal-proteini u ż-żamma ta' nitrogen.

Somatropin jstimula l-metaboliżmu tal-lipidi; huwa jżid l-aċidi grassi tal-plasma u l-kolesteroli tal-lipoproteini b' densità għolja (HDL) u jnaqqas il-kolesterol totali fil-plasma.

It-terapija b' somatropin għandha effett benefiku fuq il-kompożizzjoni tal-ġisem f' defiċjenza ta' l-ormon tat-tkabbir, billi l-ħażniet tax-xaħam jitnaqqsu u l-massa tal-ġisem bla xaħam tiżdied. Terapija fuq perijodu fit-tul f' pazjenti b' defiċjenza ta' l-ormon tat-tkabbir iżżid id-densità tal-minerali fl-għadam.

Somatropin jista' jikkawża reżistenza għall-insulina. Dożi kbar ta' somatropin jistgħu jdgħajfu t-tolleranza tal-glukows.

Studji kliniċi

L-effikaċja u sigurtà ta' Valtropin ġew evalwati f' studju parallel, ikkontrollat, b' għażla każwali, *double-blind* tal-Fażi III fi tfal b' defiċjenza ta' l-ormon tat-tkabbir. Ma kienx hemm differenzi rilevanti bejn Valtropin u l-prodott mediċinali ta' referenza fir-rigward tal-veloċità tat-tul u l-SDS tal-veloċità tat-tul.

Studju *open single-arm* tal-Fażi II li eżamina l-effikaċja u s-sigurtà ta' kura b' Valtropin fi bniet bi statura qasira assoċjata mas-sindrome ta' Turner wera effett sinifikanti tal-kura ttestjata fuq il-veloċità tat-tul.

5.2 Tagħrif farmakokinetiku

Studju tat-tip *cross-over* ta' doża waħda, *double blind*, fejn 24 voluntiera b' saħħithom ntgħażlu b' mod każwali wera li l-profil farmakokinetiku ta' Valtropin kien komparabbli ma' dak tal-prodott mediċinali ta' referenza. L-għoti taħt ġilda ta' 0.073 mg/kg tal-piż tal-ġisem ta' Valtropin irriżulta f' C_{max} ta' 43.97 ng/ml u $AUC_{0-24 h}$ ta' 369.90 ng h/ml. C_{max} intlaħaq wara 4 sigħat u $t_{1/2}$ kien 3 sigħat.

5.3 Tagħrif ta' qabel l-użu kliniku dwar is-sigurtà tal-mediċina

Informazzjoni li mhijiex klinika ma tikxef ebda periklu speċjali għan-nies fuq il-bażi ta' studji konvenzjonali b' Valtropin dwar it-tossiċità b' doża ripetuta, l-effett tossiku fuq il-ġeni u l-effett tossiku fuq is-sistema riproduttiva.

L-istudji fuq l-annimali b'Valtropin m'hemmx suffiċjenti biex jiġi evalwat il-potenzjal tat-tossiċità riproduttiva. Minn studji dwar it-tossiċità riproduttiva li saru bi prodotti mediċinali oħra ta' somatropin, m'hemmx evidenza ta' riskju akbar ta' reazzjonijiet avversi għall-embriju jew il-fetu.

Ma sarux studji fuq perijodu fit-tul dwar il-karċinoġeniċità. M'hemmx studji speċifiċi dwar it-tolleranza lokali fl-annimali wara injezzjoni taħt ġilda ta' Valtropin. Madankollu, fi studji ġenerali dwar it-tossiċità b'doża waħda jew doża ripetuta ma kienu rrapportati ebda reazzjonijiet avversi fil-postijiet ta' l-injezzjoni.

6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

6.1 Lista ta' sustanzi mhux attivi

Trab:

Glycine

Mannitol

Sodium dihydrogen phosphate anhydrous

Disodium phosphate anhydrous

Sodium hydroxide (għal aġġustament tal-pH)

Hydrochloric acid (għal aġġustament tal-pH).

Solvent:

Metacresol

Ilma għall-injezzjonijiet.

6.2 Inkompatibilitajiet

Minħabba li ma sarux studji li juru liema huma l-prodotti li ma jablux miegħu, dan il-prodott mediċinali m'għadux jitħallat ma' prodotti mediċinali oħrajn.

6.3 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali

3 snin

Wara li jinfetħ l-ewwel darba jew wara rikostituzzjoni bis-solvent ipprovdut:

Wara rikostituzzjoni bis-solvent ipprovdut, stabbiltà kimika u fiżika waqt li jkun qed jintuża ntweriet għal 21 ġurnata f'temperatura ta' 2°C - 8°C (friġġ).

Wara rikostituzzjoni b'ilma għall-injezzjonijiet:

Wara rikostituzzjoni b'ilma għall-injezzjonijiet, il-prodott mediċinali jrid jintuża immedjatament u jrid jintuża b'ħala kunjett li jintuża darba biss. Jekk ma jintuża immedjatament, iż-żminijiet u l-kondizzjonijiet ta' ħażna qabel l-użu ġeneralment ma jkunux itwal minn 24 siegħa f'temperatura ta' 2°C - 8°C (friġġ), sakemm ir-rikostituzzjoni ma tkunx saret f'kondizzjonijiet asettiċi kkontrollati u validati.

6.4 Prekawzjonijiet speċjali għall-ħażna

Aħżen fi friġġ (2°C - 8°C). Tagħmlux fil-friża.

Għall-iskop ta' trasport u/jew użu ambulatorju l-prodott mediċinali mhux rikostitwit jista' jinżamm f'temperatura tal-kamra (mhux ogħla minn 25°C) għal perijodu wieħed li ma jaqbiżx l-4 ġimgħat qabel l-użu.

Id-data meta jitneħħa mill-friġġ u d-data l-ġdida ta' skadenza għandhom jinkitbu fuq il-kartuna ta' barra. Fit-tmiem tad-data l-ġdida ta' skadenza, il-prodott mediċinali suppost li jkun intuża, inkella għandu jintrema.

Għall-kundizzjonijiet ta' ħażna tal-prodott mediċinali rikostitwit, ara sezzjoni 6.3.

6.5 In-natura tal-kontenitur u ta' dak li hemm ġo fih

5 mg ta' trab f'kunjett (ħġieġ tat-Tip I) magħluq b'tapp (gomma tal-butyl) u għatu li jinfetaħ b'daqqa ta' saba' (aluminju u plastik).

1.5 ml ta' solvent f'siringa mimlija għal-lest (ħġieġ tat-Tip I) magħluqa b'għatu għall-ponta (gomma tal-butyl miksija bi FluroTec)

Daqs tal-pakkett ta' kunjett wieħed u siringa waħda mimlija għal-lest.

6.6 Prekawzzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu meta jintrema u għal immaniġġar ieħor

Istruzzjonijiet dettaljati għall-immaniġġar tal-prodott mediċinali qed jingħataw fit-tmiem tal-fuljett ta' tagħrif.

Dwar l-użu u l-immaniġġar

Valtropin m'għandux jiġi rikostitwit bis-solvent ipprovdut fil-każ ta' pazjenti b'sensittività magħrufa għal metacresol (ara sezzjoni 4.3). Jekk titfaċċa sensittività eċċessiva għas-solvent li jakkumpanjah, il-kunjetti għandhom jiġu rikostitwiti bl-ilma għall-injezzjonijiet u jintużaw bħala kunjett li jintuża darba.

Rikostituzzjoni bis-solvent ipprovdut

Kull kunjett ta' Valtropin għandu jiġi rikostitwit billi jintuża s-solvent ipprovdut. Is-solvent m'għandux jintuża jekk ikollu lewn mitfi jew imdardar. Is-solvent għandu jiġi injettat fil-kunjett billi l-fluss tal-likwidu jiġi mmirat għal mall-haft tal-ħġieġ. Wara r-rikostituzzjoni, il-kunjett għandu jiġi mdawwar b'moviment ĠENTILI fit-tond sakemm il-kontenut jinħall għal kollox. TĦAWWADX. Is-soluzzjoni li tirriżulta għandha tkun ċara, mingħajr materjal frak. Jekk is-soluzzjoni jkollha lewn mitfi, tkun imdardra jew ikun xi frak, il-kontenut M'GĦANDUX jiġi injettat. Qabel u wara kull injezzjoni, is-septum tal-kunjett għandu jintmesaħ bl-alkoħol sabiex jiġi evitat it-tniġġis tal-kontenut bl-inserzjoni ripetuta tal-labra. Jekk tiġi rikostitwita bis-solvent, f'dak il-każ is-soluzzjoni tkun għal aktar minn doża waħda (ara sezzjoni 6.3).

Rikostituzzjoni b'ilma għall-injezzjonijiet

Wara rikostituzzjoni b'ilma għall-injezzjonijiet il-prodott mediċinali jrid jintuża immedjatament (ara sezzjoni 6.3) u s-soluzzjoni tkun għal użu wieħed biss.

Kif jingħata

Għandhom jintużaw siringi u labar sterilizzati li jintremew wara l-użu biex jingħata Valtropin. Il-volum tas-siringa għandu jkun żgħir biżżejjed sabiex id-doża preskritta tkun tista' tinġibed mill-kunjett bi preċiżjoni raġonevoli.

Rimi

Kull fdal tal-prodott mediċinali li ma jkunx intuża jew skart li jibqa wara l-użu tal-prodott għandu jintrema kif jitolbu l-liġijiet lokali.

7. ID-DETENTUR TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

BioPartners GmbH
Kaiserpassage 11
D-72764 Reutlingen
Il-Ġermanja

8. NUMRU(I) TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/1/06/335/001

9. DATA TA' L-EWWEL AWTORIZZAZZJONI/TIĠDID TA' L-AWTORIZZAZZJONI

Data ta' l-ewwel awtorizzazzjoni: 24.04.2006

Data ta' l-aħħar tiġdid: 24.04.2011

10. DATA TA' META ĠIET RIVEDUTA L-KITBA

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott tinsab fuq il-website ta' l-Aġenzija Ewropea dwar il-mediċini <http://www.ema.europa.eu/>

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzati

ANNESS II

- A. MANIFATTUR TAS-SUSTANZA BIJOLÒGIKA ATTIVA U
DETENTUR TA' L-AWTORIZZAZZJONI
TAL-MANIFATTURA RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ
TAL-LOTT
- B. KUNDIZZJONIJIET TA' L-AWTORIZZAZZJONI
GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

A. MANIFATTUR TAS-SUSTANZA BIJOLOĠIKA ATTIVA U DETENTUR TA' L-AWTORIZZAZZJONI TAL-MANIFATTURA RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT

Isem u indirizz tal-manifattur tas-sustanza bijoloġika attiva

LG Life Sciences Ltd., Iksan Plant, 601 Yongje-dong, Iksan-si, Jeonbuk-do 570-350, Korea t'Isfel

Isem u indirizz tal-manifattur responsabbli għall-ħruġ tal-lott

BioPartners GmbH, Kaiserpassage 11, D-72764 Reutlingen, il-Ġermanja

B. KUNDIZZJONIJIET TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

- **KUNDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET FUQ IL-FORNIMENT IL-UŻU IMPOSTI FUQ ID-DETENTUR TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

Prodott mediċinali jingħata b'riċetta ristretta tat-tabib (Ara Anness I : Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodott, sezzjoni 4.2).

- **KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET FIR-RIGWARD TA' L-UŻU MINGĦAJR PERIKLU U EFFETTIV TAL-PRODOTT MEDIĊINALI**

Ma jgħoddx f'dan il-każ.

- **KUNDIZZJONIJIET OĦRA**

Sistema ta' Farmakoviġilanza

Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għandu jiżgura li s-sistema ta' farmakoviġilanza, kif inkluża f' Modulu 1.8.1 tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq tkun fis-seħħ u tiffunzjona qabel u waqt li l-prodott ikun fuq is-suq

Sistema ta' l-immaniġġar tar-riskju

Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għandu jissottometti Sistema ta' l-immaniġġar tar-riskju li tirrifletti: Neoplażmu ġdid, it-Tieni neoplażmu f'sopravissuti ta' kanċer fi żmien it-tfulija u aneurizmu intrakranjali u emorraġija intrakranjali bħala riskju potenzjali. Is-Sistema ta' l-immaniġġar tar-riskju għandha tiġi sottomessa sad-9 ta' Mejju, 2012.

Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq jimpenja ruħu li jwettaq l-istudji u l-attivitajiet addizzjonali ta' farmakoviġilanza kif inhu deskritt fil-Pjan ta' Farmakoviġilanza, kif inhu deċiż f' l-verżjoni 3.1 tas-Sistema ta' l-Immaniġġar tar-Riskju inkluż f' Modulu 1.8.2 tal-Aplikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq u aġġornamenti sussegwenti tas-Sistema ta' l-Immaniġġar tar-Riskju kif deċiż mill-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Uman ta' l-Aġenzija Ewropeja dwar il-Mediċini (CHMP).

Kif imsemmi fil-linji gwida tal-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Uman fuq is-Sistemi ta' l-Immaniġġar tar-Riskju, kull aġġornament fis-Sistema ta' l-Immaniġġar tar-Riskju jrid jiġi ppreżentat mar-Rapport Perjodiku ta' Aġġornament dwar Sigurtà (PSUR) li jmiss.

Barra minn hekk kull aġġornament fis-Sistema ta' l-Immaniġġar tar-Riskju jrid jiġi ppreżentat:

- Meta tasal informazzjoni ġdida li jista' jkollha impatt fuq l-Ispeċifikazzjonijiet tas-Sigurta', fuq is-Sistema ta' Farmakoviġilanza jew fuq l-attivitajiet ta' minimizzazzjoni tar-riskju;
- Fiż-żmien 60 jum minn meta jintlaħaq għan importanti (farmakoviġilanza jew minimizzazzjoni tar-riskju);
- Meta l-Aġenzija Ewropeja dwar il-Mediċini titlob din l-informazzjoni.

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzati

ANNES III

TIKKETTA U FULJETT TA TAGĦRIF

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzati

A. TIKKETTA

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA

KARTUNA

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

Valtropin 5 mg/1.5 ml trab u solvent għal soluzzjoni għall-injezzjoni
somatropin

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I)

Kunjett 1 ta' trab fi 5 mg (15 IU) somatropin (3.33 mg/ml somatropin wara rikostituzzjoni b'1.5 ml solvent).

3. LISTA TA' SUSTANZI MHUX ATTIVI

Trab: glycine, mannitol, sodium phosphate monobasic, sodium phosphate dibasic.
aġġustament tal-pH: sodium hydroxide u hydrochloric acid.

Solvent: metacresol (ara l-fuljett għal aktar informazzjoni) u ilma għall-injezzjonijiet.

4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

Trab u solvent għal soluzzjoni għall-injezzjoni
Kunjett 1 b'5 mg ta' trab
Siringa 1 mimlija għal-lest b'1.5 ml ta' solvent.

5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Għal informazzjoni dwar il-rikostituzzjoni u l-użu aqra l-fuljett ta' tagħrif.
Użu għal taħt il-ġilda

6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JINTLAĦAQX U MA JIDHIRX MIT-TFAL

Żommu fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

7. TWISSIJA/IET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

8. DATA TA' META JISKADI

JIS

Wara rikostituzzjoni bis-solvent provdut: jista' jinħażen għal 21 jum fi friġġ.
Wara rikostituzzjoni bl-ilma għall-injezzjonijiet: għandu jintuża minnufih.

9. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

Aħżen fi friġġ. Tagħmlux fil-friża.

10. PREKAWZZJONIJIET SPEĊJALI GħAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

BioPartners GmbH, Kaiserpassage 11, D-72764 Reutlingen, il-Ġermanja

12. NUMRU(I) TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/1/06/335/001

13. NUMRU TAL-LOTT

Lott

14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA

Prodott mediċinali li jingħata bir-riċetta tat-tabib.

15. STRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

Valtropin 5 mg/1.5 ml

TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETTI Ż-ŻGĦAR EWLENIN

KUNJETT TA' TRAB

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI U MNEJN GĦANDU JINGĦATA

Valtropin 5 mg/1.5 ml trab għal soluzzjoni għall-injezzjoni
somatropin

Użu għal taħt il-ġilda

2. METODU TA' KIF GĦANDU JINGĦATA

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

3. DATA META JISKADI

JIS

4. NUMRU TAL-LOTT

Lott

5. IL-KONTENUT SKOND IL-PIŻ, VOLUM, JEW PARTI INDIVIDWALI

5 mg (15 IU) somatropin

6. OĦRAJN

Aħżen fi friġġ. Tagħmlux fil-friża.

Prodott mediċinali m'għadux awtorizzat

TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETTI Ż-ŻGĦAR EWLENIN SIRINGA MIMLIJA GĦAL-LEST BIS-SOLVENT
--

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI U MNEJN GĦANDU JINGĦATA

Solvent għal Valtropin

Użu għal taħt il-ġilda

2. METODU TA' KIF GĦANDU JINGĦATA
--

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

3. DATA META JISKADI

JIS

4. NUMRU TAL-LOTT

Lott

5. IL-KONTENUT SKOND IL-PIŻ, VOCUM, JEW PARTI INDIVIDWALI
--

1.5 ml (ilma għall-injezzjonijiet b' metacresol)

6. OĦRAJN

Aħżen fi friġġ. Tagħmlux fil-friża.

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

B. FULJETT TA' TAGĦRIF

Prodott mediċinali li m'ghadex awtorizzat

FULJETT TA' TAGĦRIF: INFORMAZZJONI GĦAL MIN QED JAGĦMEL UŻU MINNHA

Valtropin 5 mg/1.5 ml trab u solvent għal soluzzjoni għall-injezzjoni Somatropin

Aqra dan il-fuljett kollu qabel tibda tuża din il-mediċina.

- Żomm dan il-fuljett. Jista' jkollok bżonn terġa' taqrah.
- Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.
- Din il-mediċina għet mogħtija lilek. TAGĦTIHIEX lil persuni oħra. Tista' tagħmlilhom il-ħsara, anki jekk ikollhom l-istess sintomi bħal tiegħek.
- Jekk xi wieħed mill-effetti sekondarji jiggrava, jew jekk tinnota xi effetti sekondarji li m'humix imsemmijin f'dan il-fuljett, jekk jogħġbok, għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

F'dan il-fuljett:

1. X'inhum Valtropin u għalxiex jintuża
2. Qabel ma tuża Valtropin
3. Kif għandek tuża Valtropin
4. Effetti sekondarji li jista' jkollu
5. Kif taħżen Valtropin
6. Aktar tagħrif

1. X'INHUM Valtropin U Għalxiex Jintuża

Il-mediċina tiegħek jisimha Valtropin. Hu tip ta' ormon tat-tkabbir uman, imsejjaħ ukoll somatropin. Huwa għandu l-istess struttura bħall-ormon tat-tkabbir li kien jipproduċi fil-glandoli pitwitarji (glandoli li jinsabu fil-bażi tal-moħħ). L-ormon tat-tkabbir jirregola t-tkabbir u l-iżvilupp taċ-ċelloli. Meta jistimula tkabbir taċ-ċelloli fl-għadmiet twal tas-saqajn u s-sinsla, huwa jikkawża żieda fit-tul.

Valtropin jintuża

- sabiex jiġu kkurati tfal (minn sentejn sa 11-il sena) u adolexxenti (minn 12 sa 18-il sena) li ma jżviluppawx għat-tul normali tagħhom minħabba kobor inadegwat ta' l-għadam ikkawżat minn defiċjenza ta' l-ormon tat-tkabbir (nuqqas relattiv ta' ormon għat-tkabbir), is-sindrome ta' Turner, jew 'insuffiċjenza renali kronika' (kondizzjoni li fiha l-kliwi gradwalment jitlew, l-kapaċità tagħhom li jwettqu l-funzjonijiet normali tagħhom, bħat-tneħħija ta' ħmieġ u fluwidi żejda mill-ġisem).
- sabiex jiġu kkurati adulti b' defiċjenza severa ta' l-ormon tat-tkabbir li diġà kellhom defiċjenza ta' l-ormon tat-tkabbir meta kienu tfal jew li ma jkollhomx biżżejjed ormon tat-tkabbir waqt li huma adulti għal xi raġuni oħra.

F'dan il-fuljett il-pazjent huwa indirizzat bħala 'int'. Il-persuni li jagħtu Valtropin lit-tfal tagħhom għandhom iqisu li 'int' tirreferi għat-tifel/tifla.

2. QABEL MA TUŻA Valtropin

Tużax Valtropin

- jekk inti allerġiku/a (tbat minn sensitività eċċessiva) **għal somatropin jew xi sustanza oħra tat-trab jew solvent ta' Valtropin**, ngħidu aħna metacresol (ara sezzjoni 2, 'Ogħhod attent ħafna b' Valtropin – Okkorrenza ta' ċerti effetti sekondarji')
- U għid lit-tabib tiegħek jekk għandek **tumur attiv**. It-tumuri ma jridux ikunu attivi u trid tkun spiċċajt il-kura kontra t-tumur qabel ma tibda l-kura tiegħek b' Valtropin.
- għall-promozzjoni tat-tkabbir fit-tfal li jkunu diġà **waqfu jikbru**
- jekk għamilt **operazzjoni serja tal-qalb jew addominali**

- jekk **qed tiġi kkurat għal aktar minn ferita waħda wara aċċident serju**
- jekk għandek **problemi serji għall-għarrieda tan-nifs**

Oqgħod attent ħafna b'Valtropin

Testijiet qabel tibda l-kura

- Tabib speċjalista mħarreġ fil-mard ta' l-ormoni jrid jeżaminak biex jiddeċiedi jekk hux bla periklu li tuża Valtropin.
- Jekk kellek tumur tal-moħħ, tabib speċjalista mħarreġ fil-mard ta' l-ormoni jrid jeżamina l-funzjoni pitwitarja tiegħek biex jiddeċiedi jekk hux bla periklu li tuża Valtropin.
- Qabel ma t-tfal jiġu kkurati għal defiċjenza tal-ormon tat-tkabbir minħabba problemi fil-kliewi, it-tabib għandu josserva lit-tifel/tifla għal sena qabel ma jibda l-kura bl-ormon tat-tkabbir.
- Jekk persuni adulti jkunu ġew ikkurati bl-ormon tat-tkabbir fit-tfulija, dawn għandhom jiġu evalwati mill-ġdid għad-defiċjenza ta' l-ormon tat-tkabbir qabel ma tinbeda xi kura oħra bl-ormoni tat-tkabbir.
- Pazjenti bis-sindrome ta' Prader-Willi m'għandhomx ikunu kkurati b'Valtropin ħlief jekk ikunu qed ibatu wkoll minn insuffiċjenza ta' l-ormon tat-tkabbir.

Waqt u wara marda serja

- Jekk kellek tumur f'moħħok, inti għandek tiġi eżaminat mill-ġdid ta' spiss biex jiġi żgurat li t-tumur ma reġax tfaċċa.
- Jekk kellek kanċer meta kont tifel/tifla. Ġie rrapportat riskju ogħla li jkollok it-tieni tumur (beninn u malinn) f'pazjenti li baqgħu ħajjin wara li kellhom kanċer u li kienu kkurati b'somatropin. Minn dawn it-tieni tumuri, b'mod partikulari, tumuri tal-moħħ kienu l-iktar komuni.
- Jekk it-tfal ikunu għamlu trapjant tal-kliewi, il-kura bl-ormon tat-tkabbir tiġi mwaqqfa.
- Jekk it-tifel/tifla jkollhom is-sindrome ta' Turner, it-tabib tat-tifel/tifla għandu jiċċekkja sewwa għal infezzjonijiet tal-widnejn bħal otite tal-parti tan-nofs tal-widna, billi l-pazjenti bis-sindrome ta' Turner għandhom riskju akbar ta' mard tal-widnejn u mard ieħor tas-smiġh.

Okkorrenza ta' ċerti effetti sekondari

- Jekk jitfaċċaw sintomi bħal uġiġħ ta' ras (qawwi u rikorrenti), bidliet fil-vista, nawsja u/jew rimettar, jekk jogħġbok staqsi lit-tabib tiegħek għal parir.
- Jekk bi żball injettajt Valtropin fil-muskolu minflok taħt il-ġilda, iz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jitbaxxa żżejjed (ipogliċemija). Jekk jogħġbok ikkuntattja lit-tabib tiegħek għal pariri addizzjonali.
- Jekk it-tifel/tifla jibdeu rappu meta jkunu taħt kura b'Valtropin, jekk jogħġbok staqsi lit-tabib tiegħek għal parir.
- Jekk inti tifel/tifla u qed tiġi kkurat b'somatropin. Għandek żieda fir-riskju li tiżviluppa infjammazzjoni fil-frixa tiegħek (pankreatite) meta mqabbel ma' persuni adulti kkurati b'somatropin. Għalkemm rari, il-pankreatite għandha tiġi kkunsidrata fi tfal ikkurati b'somatropin li jiżviluppaw uġiġħ addominali.
- Ħafna ormon tat-tkabbir jista' jikkawża tkabbir akbar min-normal tal-widnejn, l-immieher, ix-xufftejn, l-ilsien u l-għadma tal-ħaddejn (akromegalija), livell għoli ta' zokkor fid-demm (ipergliċemija) u preżenza ta' zokkor fl-awrina (glukosurja). Dejjem uża Valtropin kif rakkomandat mit-tabib tiegħek.
- Jekk ikun hemm reazzjoni allerġika għas-solvent, il-kunjetti għandhom jiġu rikostitwiti b'ilma għall-injezzjonijiet mingħajr preservattiv (metacresol) u jintużaw bħala kunjett ta' użu ta' darba (ara sezzjoni 5 'Kif taħżen Valtropin'). **Tużax is-solvent approvdut jekk għandek allerġija magħrufa għal preservattiv ta' metacresol.**

Sorveljanza mit-tabib tiegħek waqt il-kura

- Valtropin jista' jaffettwa l-mod kif il-ġisem tiegħek jipproċessa z-zokkor mill-ikel u x-xorb. It-tabib tiegħek jista' jiċċekkja l-ammont taz-zokkor fl-awrina jew id-demm tiegħek.

- Valtropin jista' jaffettwa l-ammont ta' ormon tat-tirojde fid-dem, għalhekk trid tagħmel testijiet tal-funzjoni tat-tirojde minn żmien għall-ieħor. Jekk it-tirojde ma tkunx qed taħdem sewwa, Valtropin jista' ma jaħdimx tajjeb kemm suppost.

Meta tieħu mediċini oħra

Jekk jogħġbok għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek jekk qiegħed tieħu jew haġt dan l-aħħar xi mediċini oħra, anki dawk mingħajr riċetta

B'mod speċjali, għid lit-tabib tiegħek jekk qed tieħu

- ormon ta' l-isterojd adrenal biha cortisone jew prednisolone
- insulina
- estroġeni orali
- ormoni tas-sess, mediċini għall-kura ta' rispons għat-tensjoni jew infjammazzjoni (kortikosteroidi), mediċini għall-kura tal-epilessija (eż. carbamazepin) jew cyclosporine (mediċina biex trażżan lis-sistema immuni).

It-tabib tiegħek jista' jkollu bżonn jaġġusta d-doża ta' Valtropin jew tal-mediċina l-oħra

Tqala

Valtropin m'għandux jintuża waqt it-tqala sakemm ma jkunx meħtieġ b'mod evidenti. Avża lit-tabib tiegħek minnufih jekk tinqabad tqila.

Treddigħ

Jekk qiegħda tredda' jew għandek f'moħħok li tredda', jekk jogħġbok staqsi lit-tabib tiegħek qabel ma tuża Valtropin.

Itlob il-parir tat-tabib jew tal-ispiżjar tiegħek qabel tieħu xi mediċina.

Sewqan u tħaddim ta' magni

Valtropin m'għandu l-ebda jew effett żgħir fuq il-ħila ta' sewqan u l-użu ta' magni.

Tagħrif importanti dwar xi wħud mis-sustanzi ta' Valtropin

Is-solvent li jakkumpanja Valtropin fih metacresol. Tużax dan is-solvent jekk int allerġiku għal metacresol (ara sezzjoni 2, 'Tużax Valtropin'). Jekk ikun hemm reazzjoni allerġika għas-solvent, il-kunjetta għandhom jiġu rikostitwiti b'olma għall-injezzjonijiet u jintużaw bħala kunjett b'użu ta' darba (ara sezzjoni 5 'Kif taħżen Valtropin').

3. KIF GĦANDEK TUŻA Valtropin

Dejjem għandek tuża Valtropin skond il-parir tat-tabib. Dejjem għandek taċċerta ruħek mat-tabib jew ma' l-ispiżjar tiegħek jekk ikollok xi dubju. Tinjettax Valtropin inti stess jekk ma tkunx ċert/a dwar id-doża.

Dożaġġ

It-tabib tiegħek jgħidlek kemm tuża. Dan ivarja skond il-marda tiegħek. Jekk jogħġbok tibdilx id-dożaġġ mingħajr ma tikkonsulta mat-tabib tiegħek.

L-eżattezza tad-doża ta' Valtropin għandha tiġi ċekkjata mit-tabib tiegħek kull 6 xhur.

Ġeneralment id-dożaġġ jiġi kkalkulat kif deskritt hawn taħt. Madankollu, id-dożi individwali jistgħu jvarjaw, u t-tabib tiegħek jista' jbidel id-doża tiegħek fuq bażi tal-bżonn speċifiku tiegħek.

Tfal

Defiċjenza ta' l-ormon tat-tkabbir fit-tfal

Injetta 0.025 - 0.035 milligramma (mg) għal kull kilogramma ta' piż tal-ġisem darba kuljum taħt il-ġilda (b'mod subkutanju).

Tfal bis-sindrome ta' Turner

Injetta 0.045 - 0.050 milligramma (mg) għal kull kilogramma ta' piż tal-ġisem darba kuljum taħt il-ġilda (b'mod subkutanju).

Tfal qabel il-pubertà, li jbatu minn problemi tal-kliewi fit-tul

Injetta 0.045 - 0.050 milligramma (mg) għal kull kilogramma ta' piż tal-ġisem darba kuljum taħt il-ġilda (b'mod subkutanju).

Adulti

Defiċjenza ta' l-ormon tat-tkabbir fl-adulti

Injetta 0.15 - 0.30 milligramma (mg) darba kuljum taħt il-ġilda (b'mod subkutanju). Tista' tkun meħtieġa doża inizjali aktar baxxa jekk int akbar fl-età jew għandek piż żejjed.

Jekk ikun meħtieġ, it-tabib tiegħek għandu jżid b'mod gradwali din id-doża skond il-ħtiġijiet individwali tiegħek imsejja fuq ir-risultati kliniku u l-kejl tal-livelli fid-demm tiegħek ta' hekk imsejjaħ "fattur tat-tkabbir" (magħruf bħala IGF-1). Id-doża totali ta' kuljum ġeneralment ma taqbiżx 1 mg.

Il-konċentrazzjonijiet ta' IGF-1 jeħtieġ li jiġu mkejla b'mod regolari u għandhom jinżammu taħt il-limitu ta' fuq tal-medda normali għall-età u s-sess tiegħek.

It-tabib tiegħek dejjem se jiktiblek id-doża effettiva minima li trid tintuża.

Aġġustament tad-dożaġġ

Fl-anzjani jista' jkun meħtieġ tnaqqis fid-doża.

Id-dożaġġ ta' somatropin għandu jitnaqqas f'każijiet ta' nefħa fit-tul (edima) jew sensazzjoni anormali severa (parasteżija), sabiex jiġi evitat l-iżwirupp ta' effett sekondarju rari msejjaħ is-sindrome tal-carpal tunnel (tirziġ u wġiġh fl-idji).

Wara li l-mediċina tkun intużata għal xi żmien, jista' jkun meħtieġ li d-doża titnaqqas, b'mod partikolari fl-irġiel.

Meta jkunu qegħdin tintużaw mediċini oħra, id-doża ta' Valtropin jew tal-mediċina l-oħra jista' jkun hemm bżonn li tiġi aġġustata (ara sezzjoni 2, 'Meta tieħu mediċini oħra').

Kif jinġhata

Valtropin huwa maħsub għal użu għal taħt il-ġilda wara rikostituzzjoni. Dan ifisser li wara rikostituzzjoni tat-trab bis-solvent ipprovdut, is-soluzzjoni tiġi injettata b'labra qasira fit-tessut tax-xaħam eżatt taħt il-ġilda.

Jekk se tinjetta din il-mediċina inti stess, inti għandek tiġi mghalliem kif tħejji u tagħti l-injezzjoni.

Tinjettax Valtropin inti stess jekk ma tkunx irċevejt taħriġ.

Struzzjonijiet dettaljati għal għoti taħt ġilda huma pprovduti ma' dan il-fuljett (ara s-sezzjoni 'Tagħrif dwar kif tinjetta Valtropin inti stess' fl-aħħar ta' dan il-fuljett).

Jekk tuża Valtropin aktar milli support

F'każ li tieħu aktar Valtropin milli rakkomandat, jekk jogħġbok ikkonsulta mat-tabib tiegħek.

Jekk tieħu żżejjed Valtropin, għall-ewwel iz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jonqos u jsir baxx wisq (ipogliċemija) u wara jizzied u jsir għoli żżejjed (ipergliċemija). Jekk tieħu żżejjed Valtropin għal perijodu itwal, dan jista' jirriżulta fi tkabbir aktar min-normal tal-widnejn, l-innieher, ix-xufftejn, l-ilsien u l-għadma tal-ħaddejn (akromegalija).

Jekk tinsa tuża Valtropin

M'għandekx tieħu doża doppja biex tpatti għal kull doża li tkun insejt tieħu. Kompli bil-kors ta' dożaġġ ordnat. Jekk għandek xi dubji, jekk jogħġbok ikkuntattja lit-tabib tiegħek.

Jekk tieqaf tuża Valtropin

Jekk jogħġbok staqsi lit-tabib tiegħek għal parir qabel twaqqaf il-kura. L-interruzzjoni jew twaqqif kmieni tal-kura b'Valtropin tista' ttelef is-suċċess tat-terapija bl-ormon tat-tkabbir.

Jekk għandek aktar mistoqsijiet dwar l-użu ta' dan il-prodott, staqsi lit-tabib jew lill-ispjazzar tiegħek.

4. EFFETTI SEKONDARJI LI JISTA' JKOLLU

Bħal kull mediċina oħra, Valtropin jista' jkollu effetti sekondarji, għalkemm ma jidhrux fuq kulħadd.

L-effetti sekondarji tal-mediċini huma kklassifikati kif ġej:

komuni ħafna	jaffettwaw iktar minn utent 1 minn kull 10
komuni	jaffettwaw minn 1 sa 10 utenti minn kull 100
mhux komuni	jaffettwaw minn 1 sa 10 utenti minn kull 1,000
rari	jaffettwaw minn 1 sa 10 utenti minn kull 10,000
rari ħafna	jaffettwaw inqas minn utent 1 minn kull 10,000
mhux magħruf	Il-frekwenza ma tistax tkun stmata mid-dejta disponibbli

Inti tista' tesperjenza kull wieħed minn dawn l-effetti sekondarji wara li tieħu Valtropin:

Komuni ħafna	Ugħigh ta' ras f'persuni adulti
	Sensazzjoni mhux normali, bħal tingiż, tnemnim, jew ħakk (parestesija) f'persuni adulti
	Ugħigh fil-ġogi (artralġja) f'persuni adulti
	Nefħa fit-tessut ikkawżata minn akkumulazzjoni ta' fluwidu fit-tessut (edema) f'persuni adulti
Komuni	L-iżvilupp ta' proteini li jwāhhlu sustanzi oħrajn (bini ta' antikorpi)
	Glandola tirojde mhux attiva biżżejjed (ipotiroidizmu)
	Nuqqas fil-ħila li tnaqqas il-livelli taz-zokkor (tolleranza għal glucose)
	Żieda ħafifa tal-livelli ta' zokkor fid-demm (ipergliċemija ħafifa) (1% fit-tfal; 1% - 10% f'persuni adulti)
	Żieda mhux normali ta' sodizza tal-muskoli (ipertonija)
	Ma tkunx tista' torqod (insomnija) f'persuni adulti
	Żieda fil-pressjoni tad-demm (pressjoni għolja) f'persuni adulti
	Qtugħ ta' nifs (dispnea) f'persuni adulti
	Interruzzjoni temporanja fit-teħid tan-nifs waqt l-irqad

	(apnea tal-irqad) f'persuni adulti
	Tmewwit u tnefnim fis-swaba' u fil-keff tal-id minħabba nervaturi magħfusin fil-polz (sindrome tal-carpal tunnel) f'persuni adulti
	Ugħigh fil-ġogi (artralġja) fit-tfal
	Ugħigh fil-muskoli (mjalġja)
	Nefħa fit-tessut ikkawżata minn akkumulazzjoni ta' fluwidu fit-tessut (edema) fit-tfal
	Reazzjonijiet fis-sit tal-injezzjoni, dgħufija (astenja)
Mhux komuni	Żieda fit-tkabbir ta' tessut ġdid (kanċer, neoplażma)
	Nuqqas ta' ċelluli tad-demem ħomor (anemija)
	Ftit wisq zokkor fid-demem (ipogliċemija),
	Livell ta' phosphates fid-demem ogħla min-normal (iperfosfatemija)
	Disturbi fil-personalità
	Moviment inkontrollabbli mgħaġġel tal-għajnejn (nystagmus).
	Nefħa tat-tarf tan-nerv ottiku (papilloedema)
	Tara doppju (diplopja)
	Sturdament (mejt)
	Żieda fit-taħbit tal-qalb (takikardija)
	Rimettar
	Ugħigh fl-istomku (ugħigh ta' żaqq), gass
	Nawseja
	Tnaqqis fit-tessut tax-xaħam (lipodistrofija), traqqiq tal-ġilda (atrofija tal-ġilda), infjammazzjoni u tqaxxir tal-ġilda (dermatite bil-qxur), nefħa simili għal dik li tidher wara tingiz tal-insetti (urtikarja), żieda fit-tkabbir ta' xagħar qisu tal-irġiel fuq il-ġisem ta' mara (hirsutism), ħxuna tat-tessut tal-ġilda (ipertrofija tal-ġilda)
	Tnaqqis fil-piż tal-muskoli (atrofija tal-muskoli), ugħigh fl-għadam
	Tmewwit u tnefnim fis-swaba' u fil-keffa tal-id minħabba nervaturi magħfusin fil-polz (sindrome tal-carpal tunnel) fit-tfal
	Telf involontarju ta' awrina (inkontinenza urinaria), demem fl-awrina (ematurja), tagħmel iktar awrina min-normal, (poliurija, pollakijurija), awrina mhux normali
	Tnixxija mill-partijiet ġenitali
	Tkabbir tal-glandola tas-sider fl-irġiel (ġinekomastija) f'persuni adulti
	Reazzjonijiet fis-sit tal-injezzjoni bħal traqqiq fit-tessut tal-ġilda, tnixxija kbira ta' demem mill-vini jew arterji, ħxuna
	Dgħufija fit-tfal
Rari	Mard taz-zokkor (diġabete mellitus)
	Disturbi fin-nervaturi fuq barra tal-moħħ u tas-sinla (newropatija), żieda fil-pressjoni fil-kranju (żieda fil-pressjoni intrakranjali)

	Pressjoni tad-demmm għolja fil-kranju (pressjoni għolja intrakranjali beninna)
	Sensazzjoni mhux normali tal-ġilda, bħala tingiż, tneħħim u ħakk (parestesija) fit-tfal
	Żieda fil-pressjoni tad-demmm (pressjoni għolja) fit-tfal
	Dijarea
	Riżultati mhux normali tat-testijiet tal-funzjoni fil-kliwi
Rari ħafna	Ma tkunx tista' torqod (insomnija) fit-tfal
	Tkabbir tal-glandola tas-sider fl-irġiel (ġinekomastija) fit-tfal
Frekwenza mhux magħrufa	Każijiet waħidhom ta' reazzjoni allerġika akuta li tinvolvi ħakk u nefħa simili għal tingiż tal-insetti u ħakk
	Tnaqqis sever tal-effetti tal-insulina (reżistenza għall-insulina)

F'pazjenti b'defiċjenza tal-ormon tat-tkabbir li tibda meta jkunu saru adulti, nefħa, uġiġħ fil-muskoli, uġiġħ u mard fil-ġogi kienu rrapportati bikri fit-terapija b'somatropin iżda dawn l-effetti kellhom tendenza li jkunu temporanja (ma jdumux).

Jekk xi wieħed mill-effetti sekondarji jiggrava, jew jekk tinnota xi effetti sekondarji li mhumiex imsemmijin f'dan il-fuljett, jekk jogħġbok għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

5. KIF TAĦŻEN Valtropin

- Żommu fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.
- Tużax Valtropin wara d-data ta' skadenza li tidher fuq it-tikketti u l-kaxxa wara JIS. Id-Data ta' skadenza tirreferi għal l-aħħar ġurnata ta' dak ix-xahar.

Kondizzjonijiet għall-ħażna medikina mhux mituħa

- Aħżen fi friġġ (2°C - 8°C). Tagħnidha fil-frیža.
- Il-medikina mhux rikostitwita tista' jinżamm f'temperatura tal-kamra (mhux ogħla minn 25°C) għal perijodu wieħed li ma jaqbiżx l-erba' ġimgħat qabel l-użu.

Kemm idum tajjeb il-prodott wara rikostituzzjoni bis-solvent

- Wara rikostituzzjoni bis-solvent ipprovdut, il-medikina tista' tinżamm fil-friġġ (2°C - 8°C) sa massimu ta' 21 ġurnata.

Kemm idum tajjeb il-prodott wara rikostituzzjoni b'ilma għall-injezzjonijiet (MHUX ilma tal-vit)

- Wara rikostituzzjoni b'ilma għall-injezzjonijiet, il-medikina trid tintuża immedjatement u bħala kunjett b'użu ta' darba biss.

Tużax Valtropin jekk tinnota li s-solvent jew is-soluzzjoni rikostitwita huma mdardra jew lewnhom mitfi jew jekk ikun fih il-frak.

Il-mediċini m'għandhomx jintremew ma' l-ilma tad-dranaġġ jew ma' l-iskart domestiku. Staqsi lill-ispiżjar tiegħek dwar kif għandek tarmi mediċini li m'għandekx bżonnhom aktar. Dawn il-miżuri jgħinu għal protezzjoni ta' l-ambjent.

6. AKTAR TAGĦRIF

X'fih Valtropin

Trab:

- Is-sustanza attiva hija somatropin. Kunjett wieħed tat-trab fih 5 mg somatropin (li jikkorrispondi għal 15 IU). Wara rikostituzzjoni b'1.5 ml solvent, 1 ml ikun fih 3.33 mg somatropin (li jikkorrispondi għal 10 IU).
- Is-sustanzi l-oħra huma glycine, mannitol, sodium phosphate monobasic, sodium phosphate dibasic u għall-aġġustament tal-pH (aċidità) sodium hydroxide u hydrochloric acid.

Solvent:

- Is-siringa mimlija għal-lest fiha ilma għall-injezzjonijiet u metacresol (ara sezzjoni 2, 'Tagħrif importanti dwar xi wħud mis-sustanzi ta' Valtropin').

Id-dehra tal-prodott u d-daqs tal-pakkett:

Valtropin huwa ppreżentat bħala trab u solvent għal soluzzjoni għall-injezzjoni.

Pakkett wieħed ikun fih:

- 5 mg ta' trab abjad sa kważi abjad trab f'kunjett tal-ħġieġ magħluq b'app tal-lastku u għatu
- 1.5 ml ta' solvent f'siringa mimlija għal-lest magħluq b'għatu fuq tarf, għar-rikostituzzjoni bħala soluzzjoni ċara.

Id-Detentur ta' l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u l-Manifattur

BioPartners GmbH
Kaiserpassage 11
D-72764 Reutlingen
Il-Ġermanja
Tel: + 49 (0) 7121 948 7756
Fax: +49 (0) 6142 7121 346 255

Dan il-fuljett kien approvat l-aħħar f' {XX/SSSS}.

Informazzjoni dettaljata dwar din il-mediċina tinsab fuq il-website ta' l-Aġenzija Ewropea dwar il-Mediċini <http://www.ema.europa.eu/>

INFORMAZZJONI DWAR KIF TINJETTA LILEK INNFISEK B'Valtropin

Jekk jogħġbok aqra sewwa l-istruzzjonijiet li ġejjin qabel tuża Valtropin.

Introduzzjoni

L-istruzzjonijiet li ġejjin jispjegaw kif tinjetta Valtropin inti nnifsek. Jekk jogħġbok aqra l-istruzzjonijiet sewwa u segwihom pass pass. It-tabib tiegħek jew l-assistent/a tiegħu ser jgħallmuk kif tinjetta lilek innifsek b'Valtropin.. Tippruvax tinjetta lilek innifsek jekk m'intix żgur li tifhem il-proċedura u l-ħtiġijiet biex tinjetta lilek innifsek.

Noti ġenerali

Għal pazjenti b'allerġija magħrufa għall-metacresol, Valtropin m'għandux jiġi rikostitwit bis-solvent ipprovdut (ara sezzjoni 2, 'Tużax Valtropin'). Jekk ikun hemm allerġija għas-solvent li jakkumpanjah, il-kunjetti għandhom jiġu rikostitwiti b'ilma għall-injezzjonijiet: jekk jogħġbok imla siringa b'1.5 ml ta' ilma għall-injezzjonijiet u segwi l-istess istruzzjonijiet bħal dawk għas-siringa mimlija għal-lest (ara sezzjoni 5 'Kif taħżen Valtropin'). Tużax ilma tal-vit.

Igħor l-affarijiet li għandek bżonn qabel tibda. Dawn huma:

Ipprovduti fil-pakkett


- il-kunjett ta' Valtropin bit-trab għal soluzzjoni għall-injezzjoni
- is-siringa mimlija għal-lest b'1.5 ml solvent għal soluzzjoni għall-injezzjoni

MHUX ipprovduti fil-pakkett


- siringa għall-injezzjoni u labar sterilizzati
- biċċiet tat-tajjar imxarrbin bl-alkoħol
- garża xotta jew biċċa tajjar
- stikk
- kaxxa għar-rimi ta' siringi u labar użati.

Preparazzjoni tas-soluzzjoni

1. Aħsel idejk sewwa bis-sapun u l-ilma qabel tipprepara l-mediċina.
2. Oħroġ il-kaxxa ta' Valtropin mill-**friġġ** u oħroġ il-**kunjett tat-trab** u **s-siringa mimlija għal-lest** bis-solvent minn ġol-kaxxa. Iċċekkja li l-mediċina ma skadretx.
3. Neħħi l-għatu protettiv tal-plastik mill-kunjett tat-trab.




4. Naddaf it-tapp tal-gomma fil-parti ta' fuq tal-kunjett tat-trab b'biċċa tajjara mxarrba bl-alkoħol. Wara t-tindif tmissx il-parti ta' fuq tal-kunjett.




Kunjett ta' fuq ta' il-trab tal-mediċina tiegħek


5. Hu **s-siringa mimlija għal-lest** bis-solvent ipprovdut fil-pakkett biex tipprepara l-mediċina. Neħħi l-għatu tal-gomma li jipproteġi l-ponta u mas-siringa waħħal sewwa labra. It-tabib tiegħek jew l-assistent/a tiegħu/tagħha jgħidulek liema qies ta' labra għandek tuża.




6. Neħħi t-tapp ta' protezzjoni tal-labra mingħajr ma tmiss il-labra.



7. Bil-mod il-mod daħħal il-labra dritt fiċ-ċentru tal-għatu tal-gomma tal-kunjett.




8. Bil-mod il-mod injetta s-solvent kollu (1.5 ml) fil-kunjett tat-trab billi timmura l-fluss tal-likwidu fuq il-ġenb tal-kunjett. **TIMMIRAHX** lejn it-trab abjad fil-qiegħ tal-kunjett.



Qabel toħroġ is-siringa mill-kunjett, daħħal l-istess ammont ta' arja (1.5 ml) daqs is-solvent li injettajt biex tnaqqas il-pressjoni fil-kunjett. Toħroġ is-siringa u poġġi t-tapp ta' protezzjoni tal-labra.

9. Dawwar il-kunjett **BIL-MOD** biex iddewweb il-kontenut għal kollox. **TĦAWWADX**.



Kif iddewweb il-mediċina tiegħek

10. Is-soluzzjoni li tirriżulta għandha tkun ċara, mingħajr frak.
11. Immarka l-kunjett b'tikketta bid-data li fiha inti ppreparajt is-soluzzjoni.


Preparazzjoni ta' l-injezzjoni

12. Naddaf mill-ġdid it-tapp tal-gomma fil-parti ta' fuq tal-kunjett b'biċċa tajjara mxarrba bl-alkolhol. Wara t-tindif tmissx il-parti ta' fuq tal-kunjett.




Kunjett li fih is-soluzzjoni bil-mediċina tiegħek


13. Aqbad **is-siringa ta' l-injezzjoni** u l-labra pprovduti mill-ispiżerija jew l-isptar tiegħek, biex tiġbed is-soluzzjoni tal-mediċina. Neħħi s-siringa ta' l-injezzjoni mill-ippakkjar sterili tagħha u waħħal il-labra mas-siringa.




14. Imla s-siringa bl-arja billi tiġbed tarf is-siringa fejn mhemmx il-labra sal-livell li jirrappreżenta d-doża tiegħek kif preskritta mit-tabib tiegħek.



15. Neħħi t-tapp ta' protezzjoni tal-labra mingħajr ma tmiss il-labra.




16. Bil-mod, il-mod daħħal il-labra dritt fuq il-ċentru tat-tapp tal-gomma tal-kunjett.




17. Bil-mod igħed it-tarf tas-siringa fejn m'hemmx il-labra biex iddaħħal l-arja fis-siringa għal ġewwa l-kunjett.

18. Dawwar il-kunjett rasu l-isfel bil-labra tkun għadha fih u żomm il-kunjett b'id waħda. Żomm is-siringa bil-labra fil-kunjett tipponta 'l fuq. Kun żgur li t-tarf tal-labra jkun fis-soluzzjoni. Bl-użu ta' l-id l-oħra bil-mod, il-mod iġbed il-plaġer b'għidna waħda kontinwa biex tiġbed id-doża korretta fis-siringa filwaqt li tiżgura li tarf il-labra jibqa' fis-soluzzjoni.




Tiġbed il-volum korrett tal-mediċina tiegħek bl-għajjnuna tal-marki fuq is-siringa

19. Neħħi s-siringa mil-labra billi tħalli l-labra fil-kunjett mingħajr ma tmiss it-tarf tas-siringa. Neħħi l-labra, poġġi t-tapp protettiv tal-labra f'postu u armiha f'kontenitur magħluq. Biex tieħu ħsieb il-kunjett ara 'Injezzjoni tas-soluzzjoni', numru 32.



20. Hu labra ġdida (waħda li hija adattata għal injezzjoni taħt il-ġilda) u waħħalha sewwa fin-naħa ta' fuq tas-siringa.




Siringa li fiha l-mediċina tiegħek li qiegħda titwaxx lilha labra ġdida

21. Neħħi t-tapp ta' protezzjoni mil-labra tas-siringa u ara li fis-siringa m'hemmx bżiejaq ta' l-arja.



22. Jekk tara xi bżiejaq, iġbed tarf is-siringa fejn m'hemmx il-labra ftit lura; agħti daqqa ħafifa b'subgħajk il-werrej lis-siringa, bil-labra tipponta 'l fuq, sakemm il-bżiejaq jtilqu. Iġbed tarf is-siringa fejn m'hemmx il-labra bil-mod lura biex tikkoreġi d-doża.



23. Erġa' poġġi t-tapp ta' protezzjoni tal-labra u poġġi s-siringa bil-labra fuq wiċċ ċatt.

Injezzjoni tas-soluzzjoni

24. Kun żgur li s-soluzzjoni hija f' temperatura tal-kamra. Jekk is-soluzzjoni hija kiesħa, saħħan is-siringa bejn l-uċuh ta' idejk.
25. Spezzjona s-soluzzjoni qabel ma tagħtiha: jekk is-soluzzjoni tilfet lewnha jew tista' tara xi frak solidu fil-likwidu, is-soluzzjoni **M'GĦANDHIEX** tiġi injettata.
26. Agħżel is-sit għall-injezzjoni skond ir-rakkomandazzjoni tat-tabib tiegħek. Huwa importanti ħafna li **tvarja s-sit ta' l-injezzjoni** kull darba li tagħti l-mediċina.
27. Naddaf is-sit ta' l-injezzjoni b'biċċa tajjara mxarrba bl-alkoħol u stennih jinxef.
28. Iċċekkja li fis-siringa hemm id-doża korretta ta' Valtropin. Żomm is-siringa f'idek bħalma żżomm laps.
29. Agħfas biċċa ġilda kbira bejn subgħajk il-kbir u subgħajk il-werrej. Daħħal il-labra fil-ġilda maqrusa f'angolu ta' 45° sa 90° b'moviment veloċi u sod. Hekk tħoss inqas uġigħ milli kieku ddaħħal il-labra bil-mod.
30. Bil-mod (fi ftit sekondi) injetta s-soluzzjoni billi bil-mod timbotta l-plaġer sakemm is-siringa tkun vojta.
31. Iġbed il-labra malajr u agħfas fuq is-sit ta' l-injezzjoni b'garża xotta jew b'biċċa tajjar għal ftit sekondi. Jekk joħroġ id-demm, għatti s-sit ta' l-injezzjoni bi stikka.
32. Armi s-siringa wżata f'kontenitur magħluq. Kun żgur **li tpoġġi lura l-kunjett fil-friġġ**. Meta jitbattal, armi wkoll il-kunjett. Biex tara kemm idum tajjeb il-prodott wara r-rikostituzzjoni ara sezzjoni 5 'Kif taħżen Valtropin'.
Jekk it-trab jiġi rikostitwit bl-ilma għall-injezzjonijiet, allura l-kunjett jista' jintuża darba biss.
Kwalunkwe soluzzjoni mhux użata għandha tintrema.